# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 12**

**Avviz numru 242/99/SM**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc, u b'permezz ta' nota u digriet datati 13 t'Ottubru 1999 is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Galea.**

**vs**

**Francis Cachia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta' Frar ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:**

1. **Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fit-3 ta' Lulju, 1997 fil-limiti taz-Zurrieq waqt li kien qed isuq il-vettura Nru. M-0436 b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru JAC 436 proprjeta' ta' assikurat tal-attur, Anthony Galea u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;**

2. **Illikwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' erba' mija u erbghajn Lira Maltin u seba' u tlettin centezmi (LM440.37,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;**

3. **Ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-Avviz;**

4. **Bl-ispejjes komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali tat-22 ta' Lulju 1998, u tal-konsult (LM15.00,0) kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-4 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-3 ta' Lulju ta' l-1997 f' "Conception Street, in-Nigret, limiti taz-Zurrieq u fih kienu nvoluti l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni M-0436 misjuqa mill-konvenut Francis Cachia u l-vettura tal-marka Maruti bin-numru ta' registrazzjoni JAC-436 misjuqa minn certu John Vella mill-Awstralja, l-assikurat tas-socjeta' attrici nomine;**

2. **Illi l-istess konvenut jaqbel ma' l-ezattezza ta' l-iskizz pprezentat fl-atti ta' din il-procedura;**

3. **Illi skond in-nota tas-socjeta' attrici nomine jirrizulta li hi giet debitament surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' assikurattrici hemm indikata wara li ghamlet tajjeb ghall-ispejjez inkorsi minn sid il-vettura assigurata maghha;**

4. **Illi l-istess assigurazzjoni hallset l-ammont intier ta' l-ispejjez sofferti minn sid il-vettura assigurata maghhom ammontanti komplessivament ghall-erba' mija u erbghin Lira Maltin u seba' u tletin centezmu, (LM440.37,0);**

5. **Illi mill-iskizz fuq riferit, anke tenut kont tal-bankina irregolari fuq ix-xellug ta' l-istess triq kif jidher fl-atti ta' din il-procedura, il-vettura tal-konvenut tidher li waqfet u dahhlet fil-karreggjata opposta;**

6. **Illi ghalhekk il-kawza vera u proprja ta' l-incident kien l-istess konvenut;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li:**

1. **Tiddikjara li l-konvenut Francis Cachia hu unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ erba’ mija u erbghin Lira Maltin u seba’ u tletin centezmu, (LM440.37,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Francis Cachia biex ihallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta’ attrici nomine, bl-ispejjez u imghaxijiet sa mid-data ta’ l-ittra ufficcjali datata t-22 ta’ Lulju ta’ l-1998.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**